

# Anniversarji

*miġbur minn Keith Muscat*

Għal bosta edizzjonijiet tal-ktejjeb, li l-Każin Banda San Pawl jippubblika fl-okkażjoni tal-festa, ħadt ħsieb li niġbor tagħrif fil-qosor fuq ġrajjiet li jolqtu lil San Pawl il-Baħar, lill-Parroċċa jew lill-Każin b'mod partikulari. Il-ġrajjiet li nagħżel ikollhom rilevanza peress li jkun jaħbat l-anniversarju tagħhom matul is-sena rikorrenti, jiġifieri 2011. Ħafna jaħsbu li San Pawl il-Baħar tfaċċa fuq il-mappa fis-Seklu Tmintax, iżda l-fdalijiet arkejoloġiċi jixdhu mod ieħor. L-inħawi ilhom abitati għal madwar sebat elef sena u għalkemm l-inħawi tat-tramuntana ta' Malta għamlu mijjiet ta' snin mhux popolati minħabba fil-biżà ta' attakki mill-furbani, il-bajja ta' San Pawl baqgħet toffri kenn lil kull min kien jinħtieġu. Ġrajja wara l-oħra nbniet l-istorja ta' dan ir-raħal u l-inħawi tiegħu. Għandna nħarsu lejn dawn l-avvenimenti mhux biss b'nostalġija għall-passat, iżda biex napprezzaw aktar min aħna fid-dawl ta' dak li ffurmana.

## 575 sena ilu...

Fl-1423, il-Papa Ewġenju IV ħatar lil Senatore de Mello, minn Noto (Sqallija), bħala Isqof ta' Malta. Huwa baqa' f'din il-ħatra sal-1445. L-Isqof de Mello jibqa' mfakkar l-aktar għar-Rollo, li kien ċensiment sabiex isir qsim tal-obbligi bejn il-kleru ta' Malta u dak ta' Għawdex. F'dan it-tagħrif insibu ħafna informazzjoni utli, fosthom fuq l-għaxar parroċċi li kienu jeżistu f'Malta dak iż-żmien. Fost il-ħafna kappelli tissemma wkoll dik iddedikata lil San Pawl tal-Ħġejjeġ, f'San Pawl il-Baħar. 575 sena ilu, jiġifieri fl-1436, l-Isqof de Mello ħatar lil Dun Guliermu Lotha bħala l-ewwel Rettur ta' din il-kappella.

## 325 sena ilu...

Fl-1686, Bartolomew Mifsud, Kapumastru tat-Torri ta' San Pawl, għamel petizzjoni quddiem il-Gran Mastru Caraffa sabiex isir restawr fuq it-torri li ġarrab ħsarat bl-elementi. Nhar il-31 ta' Awissu 1686, il-Gran Mastru għamar li din it-talba tingħadda lit-Teżorier ta' l-Ordni, li minn naħa tiegħu, fit-3 ta' Settembru 1686 ordna li dan ix-xogħol jitwettaq.



## 250 sena ilu...

Fl-1761, fl-inħawi tal-Għażżelin inkalja xini Pollakk.

## 100 sena ilu...

Fl-1911, Patri Bonaventura Zahra OFM Conv. temm iż-żmien tiegħu bħala Kappillan tal-Parroċċa. Minfloku nħatar Patri Ġużepp Cauchi, li serva wkoll bħala Gwardjan.

Stħarriġ li sar fl-1911 juri li f'San Pawl il-Baħar u l-inħawi tiegħu kienu jgħixu 1032 persuna.

## 75 sena ilu...



*Sir Charles Bonham-Carter, Gvernatur ta' Malta bejn l-1936 u l-1940*

Nhar is-26 ta' Settembru 1936 il-Gvernatur ta' Malta Sir Charles Bonham-Carter għamel żjara f'San Pawl il-Baħar.



*Il-Pilier tad-Dellija*

Fl-1936 l-armi eraldiċi tal-Gran Mastru Ramon Perellos, tal-Prijur ta' Franza l-Prinċep Philipp de Vendomme u tal-Ordni tal-Kavallieri, li kienu jiffurmaw parti mill-Pilier tad-Dellija, tneħħew mid-Dipartiment tal-Mużewijiet peress li kienet qed tigrilhom ħsara mill-elementi. Minflokhom tpoġġiet replika li tinsab faċċata ta' fejn kien hemm ir-Ridott qabel inħatt biex twessgħet it-triq. Illum dawn l-armi jinsabu fil-Palazz tal-President fil-Belt Valletta.

Fl-1936 tlesta x-xogħol fuq iċ-ċimiterju ta' San Pawl il-Baħar. Dan il-post tbierek u ġie nawgurat fl-istess sena mill-Arċisqof Dun Mawru Caruana OSB.

Fl-1936 beda t-tagħlim tad-duttrina għall-bniet mis-Soċi nisa tal-M.U.S.E.U.M. fil-Pwales.

## 50 sena ilu...

Fis-16 ta' Jannar 1961 is-Sorijiet Franġiskani fetħu dar fil-Pwales.

Is-sena 1961 kienet waħda mpenjattiva għaż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara (ŻĦN) f'San Pawl il-Baħar. Nhar it-28 ta' Frar 1961 twaqqfet il-fergħa tal-ġuvintur taż-ŻĦN fil-lokalità, filwaqt li nhar it-30 ta' Mejju twaqqfet dik tax-xebbiet. Fid-29 ta' Ġunju 1961, l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi nawgura ċ-Ċentru taż-ŻĦN li kien infetaħ f'nurmru 57, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar.

Nhar it-30 ta' Ottubru 1961 infetaħ l-ewwel ċentru tal-M.U.S.E.U.M. għas-subien fi Triq Parades, San Pawl il-Baħar.

Nhar l-1 ta' Novembru 1961 seħħet traġedja li kexkxet lir-raħal kollu. Il-kuġini Bertu u Tumas Gauci, ta' 11 u 14-il sena rispettivament, tilfu ħajjithom traġikament meta waqt li kienu għall-ħarġa, organizzata minn tal-MUSEUM, qrib it-Torri l-Aħmar fil-Mellieħa, qabżu ċint u ġew fuq bomba li kien ilha fil-post sa mit-Tieni Gwerra Dinjija. F'dan l-inċident weġġgħu wkoll xi tfal oħra mir-raħal. Ma' ġenb l-iskola primarja hemm ġnien li ssemma għall-memorja ta' dawn iż-żewġ vittmi tal-gwerra – Ġnien Bertu u Tumas.

Stħarriġ li sar fl-1961 juri li f'San Pawl il-Baħar u l-inħawi tiegħu kienu jgħixu 3325 persuna.

## 25 sena ilu...

Patri Frankie Debono OFM Conv. inħatar Kappillan u Gwardjan tal-Parroċċa, wara li Patri Elija Vella OFM Conv. temm it-terminu tiegħu.

Nhar l-10 ta' Frar 1986, l-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl onora lis-Sur Mosè Fenech bil-Midalja San Pawl.



*Mafkar ta' Mosè Fenech fi Triq Parades.*

## 10 sena ilu...

Nhar it-13 ta' Frar 2001 l-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar issemmiet għal Patri Feliċ Sammut OFM Conv.

F'April 2011, il-Banda San Pawl bdiet tikkunċerta, għall-ewwel darba, fil-każin il-ġdid.

Nhar il-25 ta' Lulju 2001 sar il-ftuħ uffiċċjali tal-każin tal-Banda San Pawl, li kien inbena mill-ġdid. L-inawgurazzjoni saret mill-Kavallier Adrian Busietta u s-Sindku s-Sur Paul Bugeja.

Nhar is-26 ta' Lulju 2001 sar il-ftuħ uffiċjali tad-*Day Centre* fi Triq Parades.

Matul l-2001 saru bosta proġetti ta' fejda fil-Knisja Parrokkjali, fosthom l-istallazzjoni ta' sistema ta' arja kkundizzjonata. Saret ukoll kappella għas-Sagrament tal-Qrar, wara n-niċċa tad-Duluri, u nħadmu żewġ niċeċ għall-Madonna ta' Fatima u l-Ecce Homo. Inbeda x-xogħol fuq il-Mużew Parrokkjali u ġiet irregalata pittura ta' Santa Kjara. Inħadmu sitt gandlieri għal fuq l-artal maġġur. Ġie rrestawrat kunċifiss antik li tpoġġa fil-Kappella tas-Sagrament.

Paper Clip Stationery
*The Stationery People*
Main Street, St. Paul's Bay
Tel/Fax: 2157 6843 · Mobile: 9926 1111
E-Mail: paperclip_spb@hotmail.com
Colour Photocopy Service
*Taxi Service and Car Hire*
Kodak
*Instant photo prints in seconds*